MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 192/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roger Ruggier**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roger Ruggier talli:

1) Fis-27 ta' Gunju 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m. u kif ukoll fit-13 ta' Lulju 2004 ghall-habta tas-1.00 p.m., fiz-zewg okkazzjonijiet bla hsieb li jisraq, izda biss biex biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, qala' xatba li tinsab fil-partijiet komuni ta' Blokk G, Triq it-Torri tal-Arlogg, Imtarfa, liema xatba giet maghmula mill-kwerelanti ghall-harsien ta' wliedhom zghar;

2) U aktar talli ukoll ghamel fiz-zewg dati vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta` tal-kwerelanti;

3) U aktar talli fit-13 ta’ Lulju 2004 hebb ghall-kwerelanti Doris Camilleri u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa kif jirrizulta mic-certifikat ta’ Dr. Joseph Saliba M.D.

Il-kwerelanti talbu li barra li tinghata l-piena misthoqqa, tigi inflitta garanzija skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9, oltre li l-kwerelat jigi ddikjarat recidiv, u jigi impost l-ammont ta' garanzija permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roger Ruggier" tat-2 ta' Marzu 2004;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Roger Ruggier hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) izda ma sabitux hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Roger Ruggieripprezentat fl-1 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma li mhuwiex hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda ghar-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni fejn instab hati, ghar-ragunijiet suesposti tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minn kwalsiasi imputazzjoni, htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, apprezzament li din il-Qorti setghet taghmel partikolarment peress illi semghet il-provi hija stess *viva voce*. L-appellant fl-ewwel imputazzjoni qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' *ragion fattasi* f'zewg dati separati, u cioe` fis-27 ta' Gunju 2004 u fit-13 ta' Lulju

2004. Il-kwistjoni kollha tirrigwarda xatba ta' l-injam li l-konjugi Joseph u Doris Camilleri kienu wahhlu f'ras it-tarag li jaghti ghall-*basement* ta' l-appartamenti fejn joqoghdu - dan jinsab fil-partijiet komuni. Dwar l-ewwel okkazjoni l-imputat stess xehed li waqa' fiha u "qlajtha u poggejtha fejn il-bieb taghhom". Dwar it-tieni okkazjoni xehed li qalaghha t-tifel tieghu wara li kien ilu jisma' lill-appellant igerger fuqha. Fuq din it-tieni okkazjoni P.S. 630 Carmel Micallef xehed li l-appellant qallu li x-xatba qalghuha hu u ibnu u rmewha. L-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi* kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna huma:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika"[1].

Mix-xiehda fuq indikata m'hemm l-ebda dubju li jezistu l-elementi kostituttivi kollha tar-reat ta' *ragion fattasi*. L-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro,** 15 ta' Novembru 1996.

appellant ghamel *di privato braccio* dak li kellu jaghmel bil-mezzi li ttieh il-ligi. Wara kollox l-appellant stess xehed li kien kiteb lil Joseph u Doris Camilleri "kemm-il darba" biex inehhu x-xatba. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju huwa ghal kollox fieragh. Jekk l-appellant kien tal-fehma li l-konjugi Camilleri kienu huma stess ezercitaw jedd li ppretendew li ghandhom bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap. 9, kien imissu ha l-passi opportuni kif ghamlu l-konjugi Camilleri biex gew istitwiti dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------